26 ta' Gunju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph German *versus* Aurelio Mea**

**Arrest Personali — Mard tad-Debitur — Liberazzjoni.**

***Il-liberazzjoni minħabba mard tad-debitur li jkun arrestat għal dejn hu "casus omissus", li għandu jiġi regolat mil-liġijiet tan-natura,***

*u prinċipalment minn dik tal-proprja konservazzjoni, anterjuri għall-liġijiet magħmulin mill-bniedem, li ma jistgħux jiġu konċepiti in kontradizzjoni mal-liġijiet umanitarji.*

*U l-prattika ntroduċiet il-prinċipju li d-dritt tal-kreditur li jitlob l-arrest personali tad-debitur tiegħu ma jestendix ruħu sal-pont li d-debitur marid għandu jibqa' magħluq il-ħabs, meta saħħtu, skond il-ġudizzju ta persuni kompetenti, tiġi talment indebolita li tirrendih inabili għax-xogħol.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu 1953 fil-kawża "Mea vs. German" hu ġie dikjarat debitur tal-konvenut fis-somma ta' £315, u ġie kundannat għall-arrest personali; u li b'digriet ta' din l-istess Qorti tal-31 ta' Marzu 1953, fuq rikors tal-konvenut, ġiet milqugħa t-talba għall-arrest personali tiegħu, u hu ġie arrestat u konsenjat lill-kalzrier; u li dana l-arrest personali huwa ta' preġudizzju għal saħħtu, kif jiċċertifika t-tabib Angelo Micallef, uffiċjal mediku tal-ħabs, u l-Professur Victor Vassallo, u kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; talab, previja okkorrendo r-revokazzjoni "contrario imperio", ossija s-sospensjoni, ta' l-eżekuzzjoni tad-digriet fuq riferit tal-31 ta' Marzu 1953, li jiġi ordnat illi l-attur jiġi skarċerat, billi d-detenzjoni tiegħu fil-ħabs hija preġudizzju għal saħħtu. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-liberazzjoni minħabba mard ta' min ikun arrestat għal dejn hu "casus omissus", li għandu jiġi governat mil-liġijiet tan-natura, u prinċipalment minn dik tal-proprja konservazzjoni, anterjuri għal liġijiet magħmulin mill-bniedem, li ma jistgħux jiġu konċepiti in kontradizzjoni mal-liġijiet umanitarji ("Castillo vs. Caruana", Vol. XII, paġ. 19, u "Tabone vs. Briffa", Vol. XXVII—I—851);

Illi l-pratika introduċiet il-prinċipju li d-dritt tal-kreditur li jottjeni l-arrest personali tad-debitur tiegħu ma jestendix ruħu sal-pont li d-debitur marid għandu jibqa' magħluq il-ħabs anki meta saħħtu, skond il-ġudizzju ta' persuni kompetenti, tiġi talment indebolita li tirrendih inabili għax-xogħol ("Dandria vs. Parnis", Vol. XIII, paġ. 23);

Illi l-perizja ġudizzjarja stabbiliet illi l-attur ibati minn stat ansjuż jew "neurosi d'ansia forma neuro-psichica a sè", u dan l-istat qiegħed jiġi aggravat mill-koerċizzjoni karċerarja, u f'persuna ta' sistema "neuro-psichico" instabili, bħal ma huwa l-attur, dak l-istat jista' jiddeġenera u jgħaddi f'vera psikosi (Psicosi Carceraria), li tista' tassumi formi diversi, u għalhekk id-detenzjoni tiegħu fil-ħabs, anki fir-repart tad-debituri, hija ta' preġudizzju "gravi" għal saħħtu;

Għall-motivi suddetti;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, prevja s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat; però, atteża l-indoli tal-ġudizzju, l-ispejjeż kollha, anki dawk magħmulin mill-konvenut, jitħallsu mill-attur.